FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.MAG.JUR(EU LAW)

ILLUM 15 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spett, Yvonne Farrugia)

Vs

Rosina Darmanin

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 350756m talli:

1. bejn il-perjodu ta' Mejju 2007 u Mejju 2009, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu t'ismijiet foloz, jew ta kwalifici foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta'aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu €2329.37 ghad-detriment ta' B.A.S Ltd (C 444) ta' 54, Valletta Buildings, South Street, Valletta;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni u rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-imputata tinsab akkuzata bi truffa jew bi frodi innominat, aggravat fiz-zewg istanzi, ghab-bazi tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9.

Dwar il-fatti l taw lok ghal dawn il-proceduri huma jikkonsistu filli fid-29 ta' Mejju 2007 l-imputata harget u iffirmat cekk intestat fuq is-socjeta' RNC Company Limited a favur tas-socjeta' BAS Limited ghas-saldu ta' zewg fatturi esebiti folio 22 u 23. L-ammont tal-fatturi kien ta' Lm1795.84 u Lm768.84 rispettivament rappresentanti c-cekk intier ta' Lm2564.69 datat 29.05.07 li jinsab esebit a folio 21.

Mill-inkartamenti in atti, senjatament dawk relattivi ghas-socjeta' RNC titolari tac-cekk in kwistjoni, jirrisulta li hija kienet ikkostitwita u inkorporata fl-14 ta' Frar 2006. L-imputata tirrizulta bhala azzjonarja minoritarja izda unika direttur. Hekk baqet il-posizzjoni risalenti ghac-cekk in disamina.

Illi a propositu tac-cekk id-data tieghu tidher li giet korretta izda il-korrezzjoni tidher debitament inizjalata b'daqshekk li c-cekk kien validu u seta' jissarraf. Il-fatt li ma giex kien allegatament dovut ghan-nuqqas ta' fondi fil-kont relattiv. Dan, il-Qorti qeghdha tghidu fuq l-iskorta tat-testimonjanza ta' Romwald Attard , manager legal office fil-Bank of Valletta. Hu mhux biss spiega s-sinifikat tal-

kitba "Refer to Drawer" li hi indikata fuq ic-cekk relattiv izda stqarr ukoll li s-socjeta' de quo kien qed tissufruixxi minn 'overdraft' ta' Lm6000 u effettivament mal-presentata tac-cekk fondi bizzejjed ma kienx hemm. Mhux kwistjoni kif sostniet l-imputata li hi kienet ghamlet "stop payment" minhabba xi nuqqas fil-konsenja.

Ikkonsidrat:

L-imputata hija akkuzata bi truffa , taht l-Artikolu 309, jew alternattivament bir-reat minuri, kompriz u involut, tal-frodi innominat taht l-Artikolu 309 tal-Kap 9. Huwa pacifiku li mhux kull cekk li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghal reat ta' truffa jew ta lukru frawdolent innominat (vide sentena Qorti tal-Appell datata 12.02.99) u dan huwa hekk stante li biex jissusistu r-reati in disamina jehtieg li ikun hemm il-'mise en scene' konsistenti f'dawk ir-raggiri jew artifizi li jkunu ta' tali portata li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma li taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. Dan huwa l-ingann li tfisser il-ligi in konnessjoni mar-reati in disamina.

Fil-kaz de quo l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li huma sodisfatti l-elementi tat-truffa skond il-ligi, certament f'dak li jirrigwarda l-qligh b'qerq taht l-imsemmi Artikolu 309. Dana, l-Qorti, qeghdha isostnieh minhabba:

i. Il-fatturi folio 19 u 20 datati 29 ta' Mejju 2007 li juru l-accettazzjoni tal-konsenja da parti tal-imputata abbinat mal-pagament b'cekk tal-istess data tat-29 ta' Mejju 2007 mahrug fuq kont tas-socjeta' RNC Company Limited u iffimat mill-imputata bhala unika direttur tal-imsemmija socjeta' ;
ii. In-nuqqas ta' fondi sufficjenti biex ikopru l-ammont tac-cekk evidenzjat mir-rendikonti bankarji folio 64 et seq tant li dan in-nuqqas ta' fondi fil-kont ippersista almenu ghax-xahar kollu ta' Gunju;
iii. Ix-xhieda tal-imputata mehuda 'in toto' malgrad l-asserzjoni taghha li fl-ebda moment ma kienet l-intenzjoni taghha li tiffrawda jew tinganna.

Issib, ghaldaqstant, l-imputata hatja. Rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9. Stante s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2007 (folio 24), igifieri antecedenti l-intavolar ta' dawn il-proceduri, tapplika fil-konfront taghha l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabiltajiet tagghha skond din is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.